# BHALL-GHASFUR TAL-BEJT

Jien fqir, jien ħafi
Jien żgħir, Mulej,
bħall-għasfur tal-bejt.
Ħadd ma jaf bija
ħadd ma jdur lejja,
jew jersaq ħdejja.
Int biss għalija,
Mulej:
quddiemek ninxteħet
għarkobbtejja
biex niġbor din il-warda
li waqgħet ħdejn riġlejk,
nersaq bil-qajla lejk
u nqegħidha ħlejju
bħal ċkejkna tmellisa
fuq musmar ta' salibek.
M'għandix ħaġ'oħra x'noffrilek
jien fqir bħal għasfur tal-bejt;
iżda x'ħin lejk intawwal idi
tħeġġeġ ġo fija l-fidi
u nħoss mill-ġdid il-ġibda
lejn in-nies l-oħra, ġibda li kont insejt x'inhi
fl-imrar tal-ħajja tiegħi
li jimxi dejjem miegħi
bħal dell.
jien fqir bħall-għasfur tal-bejt;
bħall-għasfur tal-bejt,
bħall-għasfur tal-bejt
issa jien ħafi.

ALBERT M. CASSOLA.

---

# Aqra u Ifhem

- Biex l-Ilsien Malti ma jinqeridx jeħtieġ li kulħadd jagħmel ħiltu u jibda biex jitkellem u jikteb il-Malti sewwa, ħieles minn ħafna vokabularju u idjomi barranin li nistgħu ngħaddu mingħajrhom
- Jeħtieġ li r-Radju u t-Televiżjoni, kif ukoll il-ġurnali u r-rivisti bil-Malti, jagħmlu ħilthom kollha biex ixandru u jippublikaw Malti maħsub u miktub bl-akbar sengħa.

---



# REĊENSJONIJIET

**META NIMRAĦ — Ġabra Bikrija ta' Poeżijiet — Edmund Tewma Veritas Press, Żabbar.**

GĦAMEL SEWWA Patri Edmund Tewma meta s-sensiela ta' versi, META NIMRAĦ taha sottu-titlu "Ġabra Bikrija ta' Poeżijiet" għax nittamaw li fli ġej ser ikollna f'idejna ġabra oħra ta' poeżiji li tkun frott aktar misjur mit-tiġrib tal-ħajja, fejn il-leħma tkun tinħass aktar, għalkemm aktar imliġġma mit-taħriġ fil-kitba tal-versi. Forsi kien jagħmel aħjar kieku għamel użu aktar kbir mis-sens ta' "auto critica" u ħalla barra xi poeżiji ta' l-ewwel snin li aktar għandhom jitqiesu bħala taħriġ fil-kitba tal-poeżija milli mod ieħor. Mill-banda l-oħra billi huma f'sensiela kronoloġika, iservu biex juruna kif żviluppat fl-awtur is-sengħa tal-kitba poetika, kif minn xrara waħda jew tnejn tkebbset u xegħlet fjamma; iservu wkoll bħala kumment personali dwar iż-żmien u l-ġrajja li fihom kien qed jgħix l-awtur — ġrajja ta' interess soċjali, politiku u reliġjuż, sew fil-qasam nazzjonali, kif ukoll f'dak internazzjonali li fih kellha x'taqsam, b'xi mod jew ieħor, il-gżira żgħira tagħna; ma' dawn ukoll dawk li kienu jolqtu lilu fil-ħajja interna jew familjari.

Meta tiġi biex tagħmel reċensjoni ta' din il-Ġabra ma tistax toħroġ b'fehma wisq differenti minn dik tal-Professur Ġuże' Galea fil-"Kelmtejn Qabel" ta' l-istess ktieb, għaliex huwa ta ġudizzju l-aktar ġust fuq xogħol l-awtur u ftit tista' ssib xi żżid — ħlief kliem bla siwi — jew tnaqqas minn dak li qal. Wieħed forsi jista' jinnota fl-"ewwel provi" ir-rieda qawwija, u li baqgħet sħiħa, ta' l-awtur li jikteb xi ħaġa kull meta jħoss l-inqas tqanqila, saħansitra jekk jisforza lilu nnifsu, u minkejja li l-leħma poetika tkun bilkemm tinħass, l-espressjoni lirika tkun ftit u xejn dgħajfa u meta l-ħakma fuq il-kelma biex tfisser il-ħsieb bir-reqqa kienet għadha xi ftit nieqsa. Imma, bi pjaċir infittxu nżidu ngħidu li wieħed ma jistax ma jinnotax ukoll li dawn in-nuqqasijiet kollha jibdew, bil-mod il-mod, jonqsu sa ma fix-xogħlijiet aħħarin nibdew nammiraw il-ħsieb profond imfisser bis-sengħa li titlob l-arti poetika, insibu li l-awtur kien tassew tħabbeb mal-Muża u li kien qed jerda' l-benna tal-għasel tagħha, benna li jistgħall sewwa għax issir biċċa minnu u li wara hu jagħraf b'mod ħelu jgħaddiha lilna biex aħna wkoll ikollna x-xorti nduquha u ntiegħmuha xi ftit, u b'hekk nissaħħru għalkemm insibu ruħna fis-saltna tar-realiżmu, spiritwali jew materjali li jkun; u aktar u aktar, meta xi kultant l-awtur itajjarna u joħodna miegħu fis-saltna tal-fantasija, irreali imma sabiħa, ħalli b'hekk ninsew xi ftit in-niket tal-ħajja u nistrieħu f'ħolma li tgħaxxaqna.

Min ġietu l-idea tal-qoxra tal-ktieb wera sens tassew artistiku għaliex permezz tagħha fisser b'mod viżibbli l-ħsieb safi mnebbaħ mill-ikħal tas-sema, dak is-sema li għalih il-bnedmin kollha jaspiraw, li jaħji l-versi ta' Edmund Tewma, patri franġiskan. Ix-xogħol ta' l-istampa hu fih innifsu tifħira siekta lill-"Veritas Press" ta' Ħaż-Żabbar.

g.ż.a.